# DIKJARAZZONI DWAR GĦAJNUNA MILL-ISTAT *(DE MINIMIS)*

***Għotja mill-Gvern fuq ix-xiri ta' roti u roti Pedelec minn kumpaniji li jikru dawn it-tip ta' roti***

Jekk l-applikazzjoni li ġiet ippreżentata tiġi approvata, il-proġett jibbenefika minn għajnuna tal-Istat *de minimis* skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru. 1407/2013 tat-18 ta' Diċembru 2013 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-Għajnuna *de minimis*.

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru. 1407/2013 jippermetti li intrapriża tirċievi ammont massimu aggregat f'għajnuna *de minimis* ta' €200,000 taħt kull miżura ta' għajnuna *de minimis*, fuq perjodu ta' tliet snin fiskali. Dan il-limitu massimu aggregat huwa applikabbli fil-prinċipju għas-setturi ekonomiċi kollha ħlief għas-settur tat-trasport stradali li għalih hemm limitu aktar baxx ta' €100,000 fuq perjodu ta' tliet snin fiskali konsekuttivi. Is-setturi tal-biedja u s-sajd huma soġġetti għal limiti u kriterji differenti. Għall-fini ta' din id-dikjarazzjoni l-frażi 'impriża waħda'għandha jkollha t-tifsira kif stabbilit firRegolament tal-Kummissjoni (UE) Nru. 1407/2013 . Barra minn hekk 'sena fiskali' tfisser is-sena fiskali kif użata għall-finijiet ta' taxxa mill-intrapriża kkonċernata.

Il-limitu massimu jkun jinkludi l-għajnuna Statali kollha mogħtija taħt din l-iskema u kull miżura oħra ta' għajnuna Statali mogħtija taħt ir-regola tad-*de minimis*. Kull għajnuna *de minimis* mogħtija li teċċedi l-limitu stabbilit għandha tkun irkuprata, bl-interess, mingħand l-intrapriża li tkun qiegħda tirċievi l-għajnuna.

Dan li ġej huwa elenku tal-forom possibbli ta' għajnuna Statali:

- Għajnuniet minn korpi pubbliċi
- Self jew garanziji ta' self b'rati favorevoli
- Benefiċċji tat-taxxa
- Rinunzja jew differiment ta' drittijiet jew interessi li jkunu normalment dovuti
- Assistenza dwar il-marketing u r-riklamar
- Konsulenza, taħriġ u sapport ieħor provdut bla ħlas jew b'rata mnaqqsa
- Għajnuna għal investiment fi proġetti jew riċerka u assistenza għall-iżvilupp
- Xiri jew kiri ta' proprjetà mmobbli b'rata li tkun inqas minn dik tas-suq.

Kull għajnuna minn korp pubbliku tista' potenzjalment tikkostitwixxi għajnuna Statali. Jekk ikollok xi dubji dwar jekk għajnuna pubblika li tirċievi hijiex għajnuna *de minimis*, int għandek tikkuntattja lill-aġenzija jew dipartiment li mingħandu tkun irċevejt l-għajnuna biex tiżgura jekk hijiex għajnuna *de minimis* jew le.

## DIKJARAZZJONI

Niddikjara li ammont komprensiv ta' għajnuna *de minimis* li rċevejt s'issa matul is-sena fiskali kurrenti u matul is-sentejn fiskali ta' qabel din kien ta':

| Sena Fiskali 2021 | Sena Fiskali 2022 | Sena Fiskali 2023 | TOTAL |
|---|---|---|---|
| € | € | € | € |

Analiżi statistika tas-sors, tip u ammont tal-għajnuna *de minimis* kollha li rċevejna kif ukoll dik li saret applikazzjoni għaliha mingħand l-Istat, hija ppreżentata hawn wara.

____________________________
Intrapriża (L-isem legali sħiħ)

____________________________
Numru tar-Reġistrazzjoni tal-VAT

____________________________
Isem u Kunjom (ITTRI KBAR)

____________________________
Kariga fin-Negozju

____________________________
Firma

____________________________
Data

## INFORMAZZJONI DETTALJATA DWAR GĦAJNUNA STATLI APPLIKABBLI TAĦT IR-REGOLA TAD-*DE MINIMIS*

*(Nota: L-informazzjoni għandha tinkludi kemm l-għajnuna Statali miksuba u wkoll l-applikazzjonijiet għal għajnuna Statali de minimis li jkunu għadhom jistennew l-approvazzjoni mill-entitajiet potenzjali))*

| **Data** | **Sors/Min se jagħti l-għajnunar** | **Tip ta' Għajnuna Statali** | **Ammont in €** |
|---|---|---|---|
| | | | |
| | | *i* | |
| | | | |
| | | | |
| | | | |
| | | | |
| | | | |
| | | | |
| | | | |
| | | | |
| | | | |
| | | | |
| | | | |
| | | | |
| | | | |
| | | | |
| | | | |
| | | | |
| | | | |
| | | | |
| | | | |
| | | | |
| | | | |
| | | | |